**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 488/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mohammed Amri**

Illum, 10 ta' Gunju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat, Mohammed Amri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 98702(L), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-22 ta' Ottubru 2019, ġewwa Triq il-Madonna Tal-Ġilju, Mqabba u f'dawn il-gzejjer, mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi izda biss biex jezerċita dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu lil Dylan James Odon iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Dylan James Odon fil-pussess ta' ħwejjġu b'xi mod ieħor kontra l-Liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' Novembru 2021, fejn il-Qorti sabet lill-imputat mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fit-28 ta' Diċembru 2021, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, tgħaddi biex tiddisponi minn dan il-każ skond il-Liġi u fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

Rat l-aggravji imqanqla mill-Avukat Ġenerali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet ix-xhieda tal-iSpettur Shaun Friggieri ta' nhar is-27 t'April 2022.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-Avukat Ġenerali interpona dan l-appell ai termini tal-Artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana għaliex jikkontendi illi l-Prosekuzzjoni ġiet prekluża mill-Ewwel Qorti li tipproduċi xhud indispensabbli tant illi l-imputat ġie illiberat minn kull ħtija u piena.

Illi minn eżami tal-Atti Proċesswali jirriżulta li f'dawn il-proċeduri nżammet biss seduta waħda nhar it-23 ta' Novembru 2021, f'liema seduta il-Prosekuzzjoni riedet tressaq bħala xhud lil parti offiża, iżda dan ma kienx notifikat u ppreżentat riferta negattiva sabiex tindika dan. Id-difiża madanakollu talbet il-prosegwiment tas-smiegħ tat-kawza, liema talba ġiet milqugħa mill-Ewwel Qorti u għalhekk instemgħet biss ix-xhieda tal-iSpettur Shaun Friggieri u ta' Anthony Haber. F'dan l-istadju, il-Prosekuzzjoni talbet li tingħata differiment sabiex jitressaq bħala xhud il-parte ċivile, madanakollu l-Ewwel Qorti ċaħdet l-istess talba u dan għas-segwenti raġuni:

> ***"stante li dawn huma proċeduri sommarji u l-prosekuzzjoni naqset li tinnotifika l-parte ċivile".***

Wara dan mbagħad l-Ewwel Qorti għaddiet biex tisma' l-provi tad-difiża fejn xehed l-appellat. Wara l-għeluq tal-provi tad-difiża, l-Ewwel Qorti għaddiet għas-sentenza fejn illiberat lill-appellat mill-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fil-proċeduri odjerni, ir-reat li bih jinsab mixli l-appellat huwa dak komunament magħruf bħala *raġġion fattasi*, kif imfassal fl-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, liema reat m'huwiex prosegwibbli bil-kwerela tal-parti offiża izda huwa prosegwibbli *ex officcio* mill-Pulizija Eżekuttiva. Dana qiegħed jingħad il-għaliex sabiex reat ikun prosegwibbli fuq istanza tal-parti offiża huwa neċessarju illi l-liġi tiddisponi espressament li tkun meħtiega l-kwerela tal-privat[1]. Kuntrarjament għal dan, fil-każ tar-reat addebitat lill-appellat, il-liġi ma tistipulax tali rekwiżit u b'hekk isegwi illi, fil-każ odjern, t-tmexxija ta'l-azzjoni kriminali ma tmissx lill-parti offiża. *Di fatti*, hekk kif jirriżulta mill-verbal tal-Ewwel Qorti, il-proċeduri tmexxew mill-Pulizija Ezekuttiva u għalhekk il-parti ċivile kienet sempliċi xhud (anke jekk xhud indispensabbli) tal-prosekuzzjoni u xejn aktar. Dan ifisser illi il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 374(c) u (d) tal-Kodiċi Kriminali ma ssibx applikazzjoni għal dan il-każ fejn allura il-kwerelant irid jidher personalment fil-qorti fil-jum mogħti għas-smiegħ tal-kawża sabiex l-azzjoni tirnexxi.

**Ikkunsidrat:**

Illi, dwar l-aggravju imqanqal mill-Avukat Ġenerali fir-rikors tiegħu tal-appell teżisti ġurisprudenza kopjuza u kostanti. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Dougal**[2], il-Qorti kienet irriteniet illi –

> **"Biex l-Avukat Generali (jew skond il-kaz, il-kwerelant) ikun jista' jappella f'kazijiet fejn ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma jidhirx, dan irid jirrizulta mill-atti: bhala minimu li dak ix-xhud kien gie debitament innotifikat, jew li l-prosekuzzjoni ghamlet dak kollu minnha mistenni biex tipprova tinnotifikah. Il-prova li xhud gie nnotifikat jew li sar tentattiv ta' notifika ghandha ssir, bhala regola, permezz tar-riferta."**

[1] Artikolu 543(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imhallef Onor. Vincent DeGaetano LL.D.

Illi, ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sammut Peter Ferdinans K/a Pierre**[3] ingħad illi –

> **"Il-fatt li xhud ma jidhirx ghal udjenza partikolari ma jfissirx li huwa prekluz milli jixhed f'udjenza ohra, u dan anke f'kawzi sommarji. Ma hemm xejn fil-ligi u fil-gurisprudenza li b'xi mod jissuffraga tali proposizzjoni.**
>
> **Jekk xhud, debitament notifikat, ma jidhirx u l-parti li tkun talbitu ma tirrinunzjax ghalih, il-qorti ghandha tghaddi biex tipprovdi skond il-ligi kontra dak ix-xhud u tiddifferixxi sabiex huwa jinstema' f'udjenza ohra.**
>
> **Jekk ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma jidhirx u**
>
> **(i) il-prosekuzzjoni ma tipprezentax riferta jew**
> **(ii) ir-riferta tkun wahda negattiva u n-nuqqas ta' notifika jkun attribwibbli ghal xi nuqqas tal-prosekuzzjoni,**
>
> **il-qorti tista' tibqa' ghaddejja bis-smigh tal-kawza u, jekk ma jkunx hemm raguni ohra ghal differiment, tista' wkoll tghaddi minnufih ghas-sentenza.**

Illi, għalhekk, jeżistu zewġ ċirkostanzi biss fejn il-Qorti tal-Maġistrati, f'kawzi sommarji, tista' tgħaddi għas-sentenza tagħha mingħajr ma' tisma' xhud indispensabbli u dana meta jew il-Prosekuzzjoni tonqos milli turi li għamlet dmirha billi ma tipprezentax riferta li tindika illi sar it-tentattiv biex jiġi nnotifikat ix-xhud in kwistjoni, jew inkella meta jkun hemm riferta negattiva li madanakollu tindika illi x-xhud ma jkunx ġie nnotifikat minħabba xi nuqqas attribwibbli lill-istess prosekuzzjoni. Dan kien filfatt l-istess raġunament magħmul minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Il–Pulizija vs Emanuel Buttigieg**[4] -

> **"Huwa car illi l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tassigura li l-provi kollha li jkollha biex tipprova l-kaz taghha kontra l-akkuzat ghandhom jingiebu l-Qorti dakinhar li tkun ser tinstema l-kawza. Dan japplika zgur ghal kawzi sommarji (kif inhi din in desamina). Isiru arrangamenti ohra f'kawza b'hafna xhieda li ma jistghux jinstemghu f'gurnata wahda, imma zgur illi x-xhud principali bhal ma hu f'dan il-kaz ghandu jigi prodott jew tigi prodotta riferta tieghu. Issa f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma kienitx f'posizjoni li tinforma lill-Qorti dwar ir-riferta. L-ufficcjal prosekutur naqas mill-obbligi tieghu imposti mill-ligi u dan in-nuqqas ghandu bla dubbju ta' xejn imur favur l-akkuzat u jintitolah jitlob li l-kawza titkompla.**

3 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imhallef Onor. Vincent DeGaetano LL.D nhar it-23 ta' Settembru 2002.
4 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imhallef Onor Dr Godwin Muscat Azzopardi nhar il-11 ta' Frar 1991.

> **Regola iebsa fuq il-prosekuzzjoni, imma min naha l-ohra l-Qorti u l-akkuzat ghandhom id-dritt li jkunu jafu jekk il-prosekuzzjoni ghamlitx l-almu taghha biex issib ix-xhud, inkella il-kawzi jibqghu jitwalu. F'dan il-kaz, jirrizulta minn esami tal-verbal a fol. 56 li l-prosekuzzjoni naqset li tipprezenta notifika anke jekk addirittura negattiva biex tindika lil Qorti li ppruvat taghmel hiltha kollha biex tinnotifika lix-xhieda li kienu tant bzonnjuza u kwindi l-Ewwel Qorti kienet fid-dmir li tghaddi ghas-sentenza minghajr ma tisma provi."**

Illi, fil-proċeduri odjerni huwa indubitat li x-xhieda tal-parti offiża Dylan James Odon kienet waħda indispensabbli sabiex il-Prosekuzzjoni tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mill-Liġi. Huwa fatt ippruvat ukoll li l-istess Prosekuzzjoni mhux biss ippreżentat riferta negattiva tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti imma saħansitra talbet differiment sabiex tinnotifika b'suċċess lill-istess parte ċivile sabiex dan jittella' jixhed. Ukoll, ħarsa lejn ir-riferta ppreżentata fl-Atti turi biċ-ċar li l-istess riferta hija waħda fin-negattiv u dan għar-raġuni illi lil-Pulizija inkarigat bin-notifika, ġie ndikat li l-parti offiża ma kienx għadu joqgħod fl-indirizz lilu mogħti, hekk kif hemm imniżżel fl-istess dokument, għalkemm stranament il-parti offiża kien u għadu joqgħod fl-indirizz indikat fir-riferta, billi għas-smiegħ ta' dan l-appell huwa kien notifikat proprju fl-istess indirizz. Għalhekk huwa ċar li l-fatt li l-parti offiża ma dehritx quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tixhed ma jista' qatt jitqies bħala nuqqas attribwibbli lill-Prosekuzzjoni, li minn naħa tagħhom għamlu dmirijithom skond il-Liġi. Għaldaqstant fid-dawl ta' dan il-kwadru probatorju, l-appell ta'l-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Tordna li l-atti jiġu rinvijati quddiem il Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex il-każ jerġa' jinstema' u jiġi deċiż mill-ġdid skond il-liġi.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur